# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 15**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 461/2019 JVC**

**Massa Yubo**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Massa Yubo kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi fic-certifikat ta' addozzjoni tar-rikorrenti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku bin-numru elfejn mija u erbgha u disghin (2194) tas-sena elfejn u sittax (2016) anness u mmarkat Dok 'A' l-

isem taghha, fil-kolonna 'isem tal-persuna addotta' jidher bhala 'Yubo Massa';

2. Illi fil-passaport Malti tar-rikorrenti mahrug fit-13 ta' Frar 2018 isimha gie imnizzel ukoll bhala 'Yubo Massa'; Kopja annessa u immarkata dok 'B';

3. Illi pero r-rikorrenti hija maghrufa bl-isem 'Xiaoyin Massa';

4. Illi fil-fatt minn mindu hija giet Malta hija dejjem uzat l-isem 'Xiaoyin' u dan minhabba l-inkonvenjent li l-pronuncja bil-Malti ta' isimha beda jikkawza lilha;

5. Illi tant hu hekk li llum l-gurnata l-esponenti ma tuzax l-isem 'Yubo' minhabba l-kummenti xejn sbieh li hija fil-passat kienet tircievi;

6. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, din l-inkonsistenza fl-isem ta' l-esponenti ma hiex tort tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jew impjegati tieghu;

7. Illi pero r-rikorrenti ghandha interess skond il-ligi, *inter alia ai termini* ta' l artikolu 253 tal-Kap.16, li ssir id-debita korrezzjoni fic-certifikat ta' l-addozzjoni taghha;

8. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti ghandu jkun 'Xiaoyin' u mhux 'Yubo';

2. Tordna sabiex jigi korrett ic-certifikat ta' addozzjoni tar-rikorrenti, bin-numru elfejn mija u erbgha u disghin (2194) tas-sena elfejn u

sittax (2016) fis-sens illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' l-isem 'Yubo' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem 'Xiaoyin';

3. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att ta' addozzjoni jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ta' l-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjitha hija kienet konsistentament msejha bhala 'Xiaoyin' u mhux 'Yubo';

3. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz *de quo,* l-isem li hemm imnizzel fuq ic-Certifikat tal-Addozzjoni tar-rikorrenti jirifletti proprju dak li gie indikat fid-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. B'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 3 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors gie differit ghallum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Yubo Massa permezz tar-rikors guramentat odjern qed titlob li ssir korrezzjoni fl-att ta' addozzjoni taghha mizmum fir-Registru tal-Persuni Adottati bin-numru ta' iskrizzjoni 2194 tas-sena 2016 sabiex dan juri fil-kolonna 'Isem u kunjom tal-persuna adottata' isem ir-rikorrenti bhala dak ta' 'Xiaoyin Massa' u mhux 'Yubo Massa'. Ir-rikorrenti tispjega li hija ilha taghmel uzu minn dan l-isem 'Xiaoyin' ghal dawn l-ahhar tmien (8) snin u xtaqet li jkun hemm dan it-tibdil fl-isem minn 'Yubo' ghal 'Xiaoyin' minhabba diversi ragunijiet. Bhala ragunijiet hija telenka s-segwenti:

(i) Minhabba l-fatt li l-isem Yubo huwa assimilat aktar ma' persuna ta' sess maskili milli dak femminili;

(ii) Minhabba l-fatt li f'diversi okkazzjonijiet intqalu kummenti li fl-opinjoni tar-rikorrenti ma kienu xejn pjacevoli u anke kien hemm okkazzjonijiet fejn giet imsejha bl-isem ta' Ufo flok Yubo;

(iii) Minhabba l-fatt li kemm il-familjari, l-qraba u l-hbieb illum il-gurnata lkoll isejhulha bl-isem ta' Xiaoyin u mhux bl-isem ta' Yubo.

Rat illi fir-risposta tieghu d-Direttur intimat jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-Ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 10 tal-process;

Rat illi fl-atti gew esebiti bosta dokumenti li lkoll jevidenzjaw li zgur sa mis-sena elfejn u sittax (2016) ir-rikorrenti kienet tuza fl-applikazzjonijiet

bhal Apple, Ebay, Claudera, Microsoft, Google u Dropbox l-isem ta' 'Xiaoyin' u mhux 'Yubo'. Dan gie wkoll ikkonfermat minn Joseph Massa – missier ir-rikorrenti u Hui Yan – omm ir-rikorrenti, li xehdu permezz tal-procedura tal-affidavit u entrambi kkonfermaw bil-gurament li dawn l-ahhar snin ir-rikorrenti bdiet tuza l-isem ta' 'Xiaoyin' flok dak ta' 'Yubo'.

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti ghandu jkun dak ta' 'Xiaoyin' u mhux 'Yubo';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fuq l-Att ta' addozzjoni mizmum fir-Registru tal-Persuni Adottati bin-numru ta' iskrizzjoni elfejn mija erbgha u disghin (2194) tas-sena elfejn u sittax (2016) fil-kolonna 'Isem u kunjom tal-persuna adottata' isem ir-rikorrenti kif indikat bhala 'Yubo' jigi kkancellat u sostitwit bl-isem u kunjom 'Xiaoyin Massa';

3. Tilqa′ t-tielet talba kif dedotta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta′ Dicembru, 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta′ Dicembru, 2019**